**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 570/2004 AF**

**Integrated Business Systems Limited (C18440)**

**vs**

**David Falzon, Peter Sullivan, Brigette Sullivan u Netcom Limited (C23381)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Integrated Business Systems Limited li permezz taghha, wara li gie premess illi:

F'Jannar tas-sena 2000 l-atturi kienu dahlu f'kuntratt mal-konvenuti rigwardanti t-tnehhija ta' ishma tal-atturi fil-konvenuti Netcom Limited u dan kontra certi obbligi li dahlu ghalihom l-konvenuti.

Wahda minn dawn l-obbligi kien il-hlas lill-atturi ta' porzjon tal-profitt li kellu jigi rejalizzat minn diversi progetti li kellhom isehhu fil-Libya, kif indikat fil-kuntratt imsemmi hawn fuq.

Minn informazzjoni li ghandhom l-atturi wiehed minn dawn il-progetti sehh, cioé l-IRC001 Networking Project.

Wara li kienu interpellati biex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ammont dovut lill-atturi skond il-kuntratt, l-konvenuti nnegaw illi l-progrett imsemmi sehh.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-progett imsejjah IRC001 Networking Project sehh u b'konsegwenza jiskattaw l-obbligi msemmija fil-kuntratt bejn il-partijiet.

2. Tillikwida l-ammont konsegwenzjalment dovut lill-atturi okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

Bl-imghax u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat kontemporarjament ma' dan l-att, kontra l-konvenuti mharrkin minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Netcom Limited li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici stante illi l-progett IRC001 Networking Project ma sehhx u l-eccipjenti ma wettqitx dak il-progett.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fir-rigward tal-progett IRC001 Networking Project il-ftehim anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok. 'A' jirrigwarda biss, skond Klawsola 9, ix-xogholijiet specifikati fid-dokumenti annessi mal-istess ftehim u ma jirrigwardax xogholijiet jew negozji futuri bejn is-socjetà konvenuta u IRC.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' David Falzon li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici stante illi l-progett IRC001 Networking Project ma sehhx u ghalhekk kemm is-socjetà konvenuta Netcom Limited kif ukoll l-eccipjent ma ggwadanjaw xejn minnu.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fir-rigward tal-progett IRC001 Networking Project il-ftehim anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok. 'A' jirrigwarda biss, skond Kalwsola 9 u Klawsola 19, ix-xogholijiet specifikati fid-dokumenti annessi mal-istess ftehim u ma jirrigwardax xogholijiet jew negozji futuri bejn il-konvenuti, jew xi wiehed minnhom, u IRC.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, fi kwalunkwe kaz ir-responsabilità tal-eccipjent hija limitata fir-rigward ta' xi profitt li setghet ghamlet is-socjetà konvenuta Netcom Limited u dan skond Klawsola 8 tal-ftehim anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok. 'A'.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Peter u Brigette konjugi Sullivan li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet hawn taht esposti.

Fl-ewwel lok, ai termini tal-ftehim ta' Jannar 2000 anness mac-citazzjoni, il-konvenuti inkluz l-eccipjenti, kienu biss obbligati illi jhallsu lis-socjetà attrici jekk u meta jsehh il-progrett

IRC001 fil-Libya kif indikat fi Klawsola 8 tal-kuntratt u biss jekk isir profitt minn dana l-imsemmi progett, tant illi l-hlas illi kienet intitolata ghaliha s-socjetà attrici kien limitat ghal terz tal-profitti tas-socjetà konvenuta Netcom Limited.

Fil-fatt il-progett IRC001 indikat fi Klawsola 8 tal-kuntratt u li s-socjetà attrici allegat illi sar, fil-fatt qatt ma sehh.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma gie ggwadanjat xi profitt mis-socjetà konvenuta u lanqas mill-eccipjenti in konnessjoni mal-progett IRC001 kif elenkat fi Klawsola 8.

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt iccitat mis-socjetà attrici u formanti l-bazi tat-talbiet attrici huwa inapplikabbli ghal xogholijiet jew negozji futuri mal-Kumpanija IRC u huwa limitat biss ghall-progett specifiku indikat fil-kuntratt u dan ai termini tal-Artikolu 9 u 19 tal-istess kuntratt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjetà attrici li permezz taghha l-kawza giet ceduta fil-konfront ta’ Peter Sullivan u Brigette Sullivan.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti diversament presjeduta.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta din il-kawza Integrated Business Systems Limited qed titlob lill-Qorti tiddikjara li, skond kuntratt milhuq bejnha, David Falzon, Peter Sullivan u Netcom Limited, hija ghandha tithallas sehemha mill-qliegh fuq progett li kien propost fil waqt tal-iffirmar tal-ftehim u cioé dak imsejjah IRC001 Networking

Project fil-Libya.  L-intimati jsostnu li dan il-progett ma sehhx u ghalhekk m'hu dovut ebda sehem lill-attrici.

It-tezi attrici hija li l-progett tal-IRC001 effettivament sehh u r-rizorsi li ntuzaw kienu tal-konvenuta Netcom izda l-hlas sar lil entita ohra. Timothy Camilleri ghas-socjeta attrici ma ndikax liem hija din il-kumpanija meta xehed ghalkemm fl-affidavit tieghu spjega li din il-kumpanija l-ohra hija kontrollata mill-konvenuti Falzon u Sullivan.  B'hekk l-attrici tikkontendi li hija xorta dovuta l-hlas li Falzon, Sullivan u Netcom obbligaw ruhhom li jhallsu lill-attrici skont it-termini tal-klawsola 8 tal-imsemmi ftehim.

It-tezi tal-konvenuti hija li l-progett IRC001 ma sehhx. Giet esebita ittra datata 4 ta' April 2000 a fol 28 tal-process indirizzata lil Netcom permezz ta' liem gew mgharrfin hekk: "referring to your offer dated 08.01.2000 ref, IRC001, I regret to inform you that our technical committee has rejected your offer". Din l-ittra giet iffirmata minn Dr. Abdulrahim Abdulwahab, indikat bhala "Head of R&D Administration, IRC, Libya". Il-progett sussegwenti li sar kien wara hrug ta' tender gdid, kien jissejjah differenti u mhux IRC001, kien jittratta xogholijiet differenti, u kien intrebah minn socjeta ohra Techno filwaqt illi Netcom li ma kinitx ghamlet offerta ghalih, kienet giet kuntrattata minn Techno biex taghmel installazzjoni ta' computer room.

Il-principju tad-dritt sostantiv taghna fil-kamp tal- kuntratti huwa li "l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil- bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi" (ara – "**Cefalu et vs Gauci noe" –** PA/JF - 19 ta' Jannar 1996 – Kollez. Vol. LXXX.iv.1359).
Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Gourmet Company Limited et vs Vella"** kien deciz li:

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali taghhom".*

Ghandhom jigu enfasizzati ukoll f'dan l-istadju zewg principji bazici ta' procedura li jirregolaw kull xorta ta' kawza. L-ewwelnett dak li l-Qorti hija essenzjalment limitata u kostretta bil-parametri tal-att promotur u l-kawzali u t-talbiet kif imposti fih mill-istess attur fil-kawza. Inoltre, kif huwa ben stabbilit, l-oneru tal-prova jirrikombi fuq l-attur promotur tal-kawza. Fin-nuqqas tas-sodisfazzjoni ta dan l-oneru sal-grad rikjest mill-ligi, din il-Qorti ma jibqa' lilha ebda ghazla hlief li tichad it-talbiet attrici.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "Chef Choice Limited vs Raymond Galea et", din il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l- oneru tal-prova. Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

"... Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d- dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi mhux kontestat il-kontenut tal-ftehim ezistenti bejn il-partijiet, li permezz tieghu gie miftiehem testwalment hekk:

> *"The Second and Third Parts together with the Company jointly and severally undertake to pay to the First Part one third (1/3) of any net profits (hereinafter the "Income") made or registered by the Company from or as a result of any of the Company's currently pending proposed projects indicated hereunder (hereinafter referred to as the "Projects")*
>
> *a) IRC001 networking project in Libya (document version 01.1)*
> *b) GPTC002 ISP project in Libya (document version 05.2)*
> *c) Maltacom Tender 15/99 – Basic Rate ISDN Terminal Equipment*
> *d) Maltacom Tender 63/99 – Network Terminal Equipment."*

Ghalhekk il-kwezit li kien jehtieg li jsir minn din il-Qorti kien essenzjalment jekk il-progett IRC001 sehhx jew le, u, jekk sehh, xi qliegh halla lill-partijiet. Is-socjetà attrici tistrieh f'dan il-kuntest principalment fuq affidavit ta' Timothy Camilleri, Managing Director li xehed hekk permezz tal-affidavit tieghu.

> *"Jiena ghandi informazzjoni li wahda minn dawn il-progetti, dik ta' forniment ta' sistema ta' networking fl-Industrial Research Centre ta' Tripli, Libya, (IRC001) sehhet. L-informazzjoni giet ghandi minn diversi sorsi, li f'dan l-istadju ma nixtieqx illi nindikahom peress illi ser ikunu xhieda fil-kawza u fic-cirkostanzi nippreferi illi jixhdu minghajr xkiel. Jien infurmat illi jista' jkun illi x-xoghol sar taht il-kappa ta' kumpanija ohra illi hija kkontrollata mill-istess persuni li jien ghamilt il-kawza kontra taghhom u nhoss illi dan ma hu xejn hlief attentat illi johorgu mill-obbligu li ghandhom lejja."*

Viva voce ikompli:

*"……mill-investigazzjonijiet li jiena ghamilt sibt illi l-invoicing li sar ta dan il-progett, ma sarx taht l-isem tad-ditta Netcom Ltd imma l-invoice hareg taht il-kappa ta' kumpanija ohra. Bhala fatt naf però illi x-xoghol sar jigifieri f'dawn il-hames blokki ta' bini li kien hemm Tripli, sar in-networking project li ghalih kienet ghamlet quotation is-socjetà Netcom Ltd, ix-xoghol sar, gie kontemplat però l-invoice relattiv kif ghidt inhareg minn kumpanija ohra. L-isem preciz tal-kumpanija l-ohra jien ma niftakrux."*

Jixhed ukoll:

*"Fl-accounts ta' Netcom li gew prezentati fl-MFSA ma rrizultax illi figura ekwivalenti ghal bejn wiehed u iehor 600,000 lira sterlina iddahhlu fil-kotba tal-kumpanija Netcom. Jiena sirt naf li x-xoghol ta' Networkings sar u gie kompletat mhux ghax jiena mort il-Libya biex niccekkja personalment però ghax smajtha minn nies li kellhom ikunu infurmati fuq dan il-progett u allura huma minn sorsi li wiehed jista' joqghod fuqhom."*

Alexei Sciberras, project manager, jixhed:

*"Qed naghmel referenza ghal xoghol IRC001. Dan kien progett fil-Libya. Kien jinvolvi design u nstallazzjoni ta' network. Jiena ghal dan il-progett kont hejjejt bill of quantities u prezzijiet u kont hdimt ma' David Falzon. Kienu saru minn Netcom però x-xoghol ma sarx minnhom. Ix-xoghol kien sar minn Techno Systems Engineering Ltd. Din hija kumpanija ta' Peter Sullivan."*

In kontro ezami imbaghad jikkonferma:

*"Il-progett kien inbidel l-isem tieghu. Techno Systems Engineering Ltd effettivament kien tender iehor li hadet l-istess affarijiet. Sa fejn naf jien ma baqax IRC001. IRC harget progett iehor minn Techno Engineering Ltd."*

Peter Sullivan jixhed hekk:

*"Niddikjara li t-tender hekk imsejjah IRC001 Networking Project, tas-sena 1999, mertu ta' din il-kawza, la ttiehed mis-socjetà konvenuta Netcom Ltd li kienet ibbidjat ghalih u lanqas mis-socjetà tieghi Techno Systems Engineering Ltd li lanqas kienet ippartecipat ghat-tender. Wisq inqas minn David Falzon wahdu li la bbidja u lanqas seta' jaghmel ix-xoghol. Fil-fatt niftakar li Dr. Abdulrahim Abdulwahab ta' IRC kien kiteb lill-managing director ta' Netcom Ltd, u cioé David Falzon, fejn qallu li l-offerta ta' Netcom Ltd ma kienitx giet accettata."*

Ikompli jispjega li sussegwentement kien rebah tender bil-kumpanija tieghu Techno Systems Engineering (ghal dan it-tender ma kienitx ikkompetiet Netcom li sadanittant kienet giet blacklisted), però

*"parti zghira tax-xoghol li hadt f'dan it-tender tajtu lil Netcom Ltd. Din il-parti zghira kienet tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' computer room kompluta. Dan ix-xoghol ma kienx inkluz fit-tender ta' l-IRC001 u dan jidher car mill-bill of quantities tal-IRC001. Niftakar li l-hlas ghal dan kien ammont zghir meta tiehu in konsiderazzjoni il-hlas ghall-progett kollu."*

Dan kollu kompla jikkonfermah meta xehed viva voce in kontro ezami, meta spjega l-hafna differenzi bejn it-tender IRC001 mertu ta' dawn il-proceduri u t-tender li rebhet zmien wara l-kumpanija tieghu Techno Systems Engineering Limited.
Is-socjetà attrici ssejjes l-argument taghha fuq l-allegazzjonijiet ta' manuvrar fil-kontijiet. Madankollu fil-fehma tal-Qorti, dawn il-maniggi ma gewx pruvati.

Victor Bezzina, awditur ta' Netcom Limited jixhed:

*"Ghar-rigward ta' dawn l-accounts, nghid illi m'hemmx referenza ghall-progett maghruf bl-isem IRC001 Networking Project u lanqas ma hemm turnover ta' madwar Lm400,000, l-akbar li hemm huwa Lm226,000 li sehh fit-2004 li jirreferi ghall-progett differenti."*

Jispjega inoltre:

*"L-audit tieghi fil-kuntest ta' 4 snin huwa clean jigifieri r-rapport saru minghajr kwalifiki."*

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum –
Mhuwiex kontestat bi provi kuntrarji l-kontenut tal-ittra mibghuta mill-kap tad-dipartiment tar-ricerka fi hdan l-Industrial Research Centre Libjan li l-offerta tal-konvenuta Netcom kienet giet rigettata. Din l-ittra kienet tirrigwarda proprju *"the currently pending proposed projects indicated hereunder (hereinafter referred to as the "Projects")"* u cioe l-IRC001 Networking Project msemmi fil-ftehim ta' bejn il-partijiet, li dwaru Netcom kienet diga ssottomettiet l-offerta taghha fit-8 ta' Jannar 2000.

Irrizulta li kien hemm sejha ghal offerti gdida li saret mill-Industrial Research Centre sussegwentement ghal liem il-konvenuta ma ressqitx offerta. Kienet ressqet offerta kumpanija ta' Sullivan Techno li imbaghad kienet tat parti mix-xoghol lil Netcom.

Ma tezistix il-prova li Netcom kienet komplici ma' Techno biex din tal-ahhar titfa' l-offerta hi f'isem Netcom u tithallas tramite Techno. Mill-audited accounts tal-kumpanija ma jirrizultax li kien hemm fil-perjodu rilevanti xi profitti li dahlu fil-kumpanija u li ma kinux accounted for jew inkella li setghu kienu marbuta mal-progett li Techno hadet fil-Libja aktar tard. It-tezi mressqa mill-attrici ghar-rigward ta' "maniggjar" ta' figuri fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija kontradetta mill-awditur ta' Netcom li gie prodott mill-attrici, li spjega li d-divergenzi fil-figuri kienu dovuti ghal pagi li gholew sostanzjalment, u ghal certi progetti li ma rrendewx.

Sullivan, li kontrih l-attrici cediet il-kawza, ikkonferma li l-progett li hadet Techno ma kellux x'jaqsam mal-IRC001 u cahad li kien hemm xi involviment tal-konvenuta Netcom fit-tender li hadet Techno. F'kull kaz, dan il-progett ma setax jitqies bhala "the currently pending proposed project" msemmi fil-kuntratt u dana peress li mix-xhieda mressqa jirrizulta li dan kien jittratta sejha ghal offerti godda.

L-attrici rabtet il-hlas taghha ma' progetti li, kif irrizulta f'din il-kawza almenu ghar-rigward tal-IRC001, ma kinux ghadhom gew allokati lill-Netcom Ltd u ghalhekk dawn setghu jitqiesu bhala progetti potenzjali jew kif jghid ahjar il-ftehim "proposed projects". Ma kien hemm l-ebda certezza li Netcom kienet ser tiehu dawn il-kuntratti.

L-allegazzjonijiet tal-attrici jaqghu kontra l-piz tal-provi li ressqu l-konvenuti fil-kawza tal-lum. Il-Qorti mhijiex moralment konvinta mit-tezi attrici, u thoss li ghandha teskludiha fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi. Il-Qorti tqis li l-allegazzjonijiet ta' Integrated Business Systems Limited ma gewx pruvati ghas-sodisfazzjoni ta din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati David Falzon u Netcom Limited u tichad it-talbiet ta' Integrated Business Systems Limited.

L-ispejjez jithallsu minn Integrated Business Systems Limited.

IMHALLEF

DEP/REG